**MINUTI**

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Xagħra

Id-Disa' Leġislatura

**Laqgħa Numru Sbatax (17)**

30 ta' Lulju 2025

Il-Kunsill Lokali tax-Xagħra ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq it-Tiġrija. Il-Laqgħa tal-Kunsill bdiet fil-17:45 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

**Victor Curmi – Sindku**

**Dr. Francienne Muscat – Kunsilliera**

**Marion Rita Portelli – Kunsilliera**

**Leanne Micallef – Kunsilliera**

**Dr. Kevin Cutajar – Kunsilliera**

**Dr. Christian Zammit - Kunsillier**

**ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**

**ASSENTI**

**Aaron Aġius – Viċi Sindku**

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

**Heidi Grech – Segretarju Eżekuttiv**

**17.1 Talba**

Intqagħlet it-talba tal-bidu flimkien. Is-Sindku s-Sur Victor Curmi ippresieda l-laqgħa.

**17.2 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

**17.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Numru 16 u Skeda ta' Pagamenti No 6;**

Il-minuti tal-Laqgħa nru 16 kif ukoll l-iskeda ta' pagamenti No 6 ġew iċċirkulati minn qabel mis-Segretarju Eżekuttiv u għaldaqstant ġew meqjusa bħala moqrija. Il-Kunsilliera Francienne Muscat ressqet emenda f'punt 16.5, liema emenda ġiet approvata. Għalhekk il-Minuti u l-iskeda ta' pagamenti ġew approvati mill-membri kollha preżenti, ffirmati u ddikjarati bħala dokumenti uffiċċjali.

**17.4. Komunikazzjoni tas-Sindku u mistoqsijiet tal-Kunsilliera;**

- Irringrazzja lill-ħaddiema tas-sezzjoni tal-manutenzjoni fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex kif ukoll lill-ħaddiema tal-Kunsill li ħadmu sabiex tranġa ir-railing li jinsab f'Qasam ta' Dun Anton.

- Tah aġġornament dwar iċ-Ċentru Ċiviku. Spjega li issa x-xogħol kien wasal fil-livell tat-triq u dak li għad fadal mikxuf huwa parti li fih trid ssir rampa biex wieħed ikun jista' jinżel isfel. Huwa proġettat li sal-festa l-ewwel sular ikun mitmum bil-bejt b'kollox. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri b'tibdil fit-tqassim tal-pjanta oriġinali. Dan għaliex ġie nnotat li kamra għall-ħaddiema klerikali tal-Kunsill kif ukoll toilet ma kienux ġietx inklużi fil-pjanta oriġinali. Sar ukoll tibdil fl-uffiċċju tas-sindku fejn din iċċaqalet minn fuq quddiem għan-naħa ta' wara. Dan fuq parir tal-Perit sabiex jitnaqqsu spejjeż bla bżonn. Il-Pjanti l-ġodda ġew ippreżentati lill-membri. Kien hemm qbil dwar dan.

- Is-Sindku semma li kien ġie avviċinat minn xi persuni li kellhom il-ħajra jorganizzaw it-tiġrija taż-żwiemel fil-perjodu tal-festa. Is-Sindku nfurmhom li jkun aħjar jekk jikkomunikaw mal-Kumitat Ċentrali tal-Festa u mal-Arċipriet minħabba li huma l-organizzaturi tal-Festa. Min naħa tal-Kunsill huwa lest li jaghti in-No Objection għall-permessi neċessarji, a bażi li jkollhom kollox kif suppost.

**Mill-Kunsilliera Francienne Muscat**

- Staqsiet dwar it-Traffic Management – Triq il-Knisja u Triq Marsalforn jekk hux ser jiġu mplimentati. Qed nistennew mingħand TM.
- Talbet update dwar il-Bring in sites li kellhom jitneħħew. Is_seg. Eżekuttiv infurmat lill-membri li dan ġie diskuss mal-ERA u ssuġġerew li ma jitneħħewx u se jerġa jkellemna lura. Il-Kunsilliera Francienne Muscat issuġġeriet li jsiru Cameras xi ħaġa li l-kunsill diġa ġiet qed jaħdem fuqha mal-Green MT.
- Dawl tal-Knisja. Is-Sindku qal li Richard ġie u l-Knisja xegħlet għal ġurnata u reġgħu nħaqru. Issuġġeriet li naraw nistgħux napplikaw għal xi fondi. Is-Sindku ssuġġerixxa li l-Knisja tressaq it-talba lill Ministeru.
- Triq Parsott – bozza mitfiha, ser jiġu jagħmluha.
- Calypso Cave – pjan biex jerġa jinfetaħ. Is-Sindku iċċekkja li ser jibda' wara s-sajf.
- Dwar it-Telephone Box staqsiet jekk hemmx xi risposta. Is-Seg. Eżekuttiv qed tibgħat reminders regolari.
- Triq Karkar – L-Kunsill għadu bla risposta. Dwar it-tindif f'din it-triq hu diffiċli għax l-art mhix tarmak u hija torba. Ġie suġġerit li nikinsu taħt il-bankina fl-area fejn hemm Vitorja Court.
- Dwar l-isqaq tan-Nenus, fl-aħħar laqgħa kien ġie maqbul li nibgħatu lil Ministeru dwar dan l-isqaq għal biċċa li hemm mingħajr siment.
- Kellna nibgħatu lil Ministeru għal rural funds għat-Triq tal-Pergla. Qed nistennew risposta.
- Triq Marga ukoll għandha bżonn cleaning li marru l-ħaddiema hemmhekk diġa jnaddfu.
- Dwar resurficing ta Triq Tiġrija u Triq Knisja. Is-Sindku ikkonferma li ser isiru wara l-festa.

**Mill-Kunsillier Kevin Cutajar**

- Żebra crossing tal-pjazza, fejn l-ispotlights qed jixgħelu imma l-blalen mhux qed jixgħelu. Biex nibqgħu nsegwu dawn. Is-Seg. Eżekuttiv infurmatu li kellmitu kemm il-darba u jgħidilha li kien ġie rranġhom.
- Infurmana li s-Sur Charles Bezzina li ċempel lil kulħadd biex nixtru aktar kotba. Kotba fuq il-gwerra. Il-Kunsill xtara 4 kotba.
- Staqsa dwar xi smajna mingħand il-Perit Edward Scerri rigward triq 28 t'April. Is-Seg. Eżekuttiv ippreżentat it-TM plan li nstab pero' dan ma kienx l-aktar riċenti. Se jsir kuntatt mal-Perit li kien ikkommisjona l-

istudju sabiex jibgħatilna kopja tiegħu. B'hekk jkun jista jgħaddi lill Perit Scerri.

- Ġie diskuss r-rilokazzjoni tal-BCRS station. Ġie ssuġġerit t-tafla jew Trqi Garaffa. Kien hemm qbil li ssir it-talba lil BCRS sabiex naraw tistax issir ir-rilokazzjoni għal Triq Garaffa.
- Tabella ta' Calypso Cave li għadha ma tidhirx, trid tiġi mibdula.
- Kiosk ħdejn il-mitħna tkellimna mas-sid u ser jibda jitbattal aktar frekwenti.
- Talba għal Stop-Sign fi Triq il-Knisja mal-proġett ta-TM. Din ġiet approvata u ser issir mal-proġett.
- Nagħmlu talba sabiex id-disabled parking spaces tar-Ramla isiru kollha ħdejn xulxin, fuq quddiem. Kien hemm qbil.
- Zebra Crossing ta' Triq il-Kortoll, li qed nistennew il-kuntrattur jagħmel l-istencil. Se nerġgħu nfakkruh.
- Mal-Cat Hotel qed jagħlqu l-aċċess aċċess. Saret talba lil TM.
- Talba lil Onorevoli Miriam Dalli dwar l-ilment ta' Joe Refalo- Kien hemm qbil li niktbulha;
- Proġett tal-Playingfield. Kien hemm qbil li l-aċċessibilta hu fattur li jrid jidħol.

**Mill-Kunsilliera Marion Portelli**

- Żebra quddiem Joyce Pharmacy li baqgħet ma nżabħitx, nerġgħu nibgħatu.
- Bye Law dwar ir-Ramla. Ser issir Laqgħa ma Amity Gauci mill-MGP.
- European Funds. Saret laqgħa ma Mark Guson.

**Mill-Kunsilliera Leanne Micallef**

- Il-Passaġġ għal ġol parking tar-Ramla. Is-Sindku qal li hemmhekk issue kbira għax hu passaġġ mhux triq. Il-Kunsill kiteb lill-MGP biex isir ħabel.
- Update dwar il-Pre-Festa Beach games li ser isiru fl-20 t' Awwissu minn 17+ sa 30 sena. Ser jippruvaw li l-equipment ma nixtrux. Bħala attivita' ser tkun twila madwar 3 siegħat. Se tkun qed tipprepara poster apposta.
- Dwar il-Concert li ssoltu jsir f' Awwissu – fondi ma ġewx u għalhekk tħassar.
- L-importanza ta' laqgħa mal-Ministru dwar il-Management ta' Triq Marsalforn. Is-Segretarju Eżekuttiv diġa resqet talba għal appuntament.

- Dwar laqgħa mal-Arċipriet qabel il-festa, fejn il-pussess ser isir fit-12 t'Ottubru.

**17.5 Estimi Finanzjari għas-sema 2025**

Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżentat draft tal-Budget li kopja tiegħu kienet intbgħatet lill-Kunsilliera qabel il-laqgħa. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera u spjegat illi filwaqt li għandna nippruvaw nimxu ma dan il-pjan finanzjarju, il-Kunsill għandu l-għodda neċessarji sabiex jirrevedi u jwettaq il-moviment skond il-pjanijiet li jkun qed jaqbel fuqhom il-Kunsill. Il-Kunsill se jkun qed jipprepara d-dokument uffiċċjali tal-Budget għas-sena 2025 u jintbgħat id-Dipartiment.

**17.6 Ħruġ u għoti ta' Offerti**

Ħarġet is-sejħa għall-offerti tal-Knis tal-Festa. Din tagħlaq fit-8 ta' Awwissu.

Is-Seg. Eżekuttiv ippreżentat ir-rapport ta' Evalwazzjoni – *Tender for Street Sweeping and Cleaning of Urban Roads using Low Emission Service Vehicle (TXLC/03/2025).* Dan ir-rapport qed jirrakkomanda li l-offerta tingħata lil Sultech Ltd għas-somma ta' €121,613.80 (vat eskluż), peress li hija dik offerta compliant u l-aktar vantaġġjuża. Il-Kunsill approva dan ir-rapport ta' evalwazzjoni.

Is-Seg. Eżekuttiv ippreżentat ir-rapport ta' Evalwazzjoni – *Tender Supplu, Install, deliver and commission a network of external CCTV camera for the Xagħra Local Councol(TXLC/04/2025).* Dan ir-rapport qed jirrakkomanda li l-offerta tingħata lil Alberta Fire and Security Equipment Ltd għas-somma ta' €29,876.24 (vat eskluż), peress li hija dik offerta compliant u l-aktar vantaġġjuża. Il-Kunsill approva dan ir-rapport ta' evalwazzjoni.

**17.7 Triq Parisott**

Is-Sindku semma l-bżonn urġenti sabiex issir parti minn Triq Parisott minħabba l-periklu kbir kif ukoll l-urġenza tax-xogħolijiet li jrid isir biex nissalvagwardjaw ir-residenti u lil kull min jgħaddi minn din it-triq. Is-sitwazzjoni ġiet diskussa u sabiex jiġi assigurat li jitneħħa kull periklu, l-Kunsill qabel unanimament li dawn ix-xogħolijiet li jinvolvi wkoll ħafna xogħol bl'idejn għandu jsir malajr. Għalhekk il-Kunsill se jkun qed japplika għal approvazzjoni ta' Direct Order sabiex issir parti minn Triq Parisott. Is-Seg. Eżekuttiv ippreżentat l-estimi tax-xogħol liema spiża hija dik ta' € 37,121.61 Vat eskluż. Ġie ssuġġeriet li nitolbu l-wkoll għal għajnuna finanzjarja mill-MGP. Għalhekk ġiet iffirmata r-riżoluzzjoni

tal-Kunsill bin-numru ___ sabiex tkun jista jibda l-proċess għat-talba ta' direct order.

**17.8 Il-Festa u Attivitajiet Kulturali**

**Togħma Tradizzjonali**

Minħabba l-pussess tal-Arċipriet l-attivita' ma tistax issir fid-data li kienet pjanata u għalhekk trid tinstab data alternattiva.

**Green Project** – Is-Sindku informa lill-membri li iltaqa mall-Onorevolu Ministru Miriam Dalli u laqgħat it-talba tal-Kunsill sabiex tgħin biex isir proġett ta' tisbiħ tal-playingfield minn Project Green. Se niltaqgħu mal-Esperti sabiex isir pjan li dan jiġi prezentat lill-Kunsill għad-diskussjoni. Il-Kunsillier Kevin Cutajar issuġġerixxa li l-aċċessibbilta' għal persuni b'diżabbilita' hija parti oħra li rridu ndaħħlu f'dan il-proġett.

**Il-Festa**

Kien hemm qbil li nikkolaboraw mal-ħames Għaqdiet li huma tan-Nar, Armar, Briju, Fund Raising u Kumitat Ċentrali sa massimu ta' €1500 kull wieħed. Ġie ssuġġeriet u maqbul li nitolbu li ssir laqgħa mal-Arċipriet qabel il-festa. Dwar il-permessi tal-Bars, kien hemm qbil li jsir bħas-sena li għaddiet. Il-prinċipju hu li fit-triq ma jkun hemm ħadd hekk nevitaw xi periklu tal-karozzi. Sar qbil dwar dan.

**Pet Fun Day**

Is-Sindku semma li rnexxilna nakkwistaw xi fondi mill-Ministeru tal-Biedja u s-Sajd biex issir Pet Fun Day. Is-Sindku ssuġġerixxa li ssir fil-5 ta' Ottubru u bħala post ġie maqbul li ssir fil-Pjazza tal-Mitħna. Is-Segretarju Eżekuttiv semmiet li se tistieden lil-diverzi sezzjonijiet sabiex jipparteċipaw fosthom il-klieb tal-pulizija. Din l-attivita' se tiġi ddedikata lil aktar kelb anzjan li ġie adottat minn ġewwa Santwarju. Din l-attivita' se tkun qed tinkorpora fiha l-annimali kollha. Ġie ssuġġeriet ukoll il-Guide dogs. Kien hemm qbil li ssir din l-attivita'.

**17.9 Tiżjin tal-Milied**

Is-Sindku ippreżenta zewġ kwotazzjonijiet għal dwal tal-Milied li ġie użat is-sena ta' qabel fil-Belt Victoria u li issa kien qed jiġi offrut għal bejgħ bi prezz aktar baxx. Wara li dan ġie diskuss, il-Kunsill qabel li għandna nixtru dawn id-dwal sabiex ikun tal-Kunsill u b'hekk niffrankaw ħafna flus milli kieku nikru kull sena. Is-Sindku fakkar li s-sena kien diffiċli biex sibna minn fejn nikru u ħallasna ħafna għalihom. B'hekk issa jkun tal-Kunsill u kull sena nżidu aktar miegħu bilmod jew nimmodifikawh. Fil-Milied 2025, b'dawn id-dwal ser jintrema' 8th

September Ave, il-Pjazza kollha kemm hi, u l-Pjazza tan-Nazzarenu. L-unika spiża addizjonali li ser ikun hemm hi tal-armar li ssir mil-Għaqda Armar kif kien ġie maqbul. Rigward Insurance l-Kumitat tal-Armar diġà ħadu ħsieb għamluha u jistgħu jaħdmu. Is-Sindku qal ukoll li waqt li qed jarmaw mhux ser jkollna liability fuq il-Kunsill. Kien hemm qbil li din is-sena l-armar isir kmieni biex jitgawda aktar.

Il-Kunsilliera Francienne Muscat issuġġeriet li meta jkollna għad-disposizzjoni tagħna il-fondi neċesssarji, ninstallaw fairy lights mal-pjazza kollha. Ġie ssuġġerit ukoll li ngħidu lill-Għaqda Armar u jintrema' fis-Sajf. Kien hemm qbil dwar dan.

**17.10 Kollaborazzjoni mal-Kommunita' ta' Rahovec**

Is-Sindku ssuggerixxa li nibdew it-triq biex insaħħu r-rabta tagħna mal-Belt ta' Rahovec. Kien hemm qbil dwar dan u l-Kunsillier Christian Zammit issuġġerixxa li naraw meta hu l-Jum Nazzjonali ta' Kosovo. Is-Sindku issuġġerixxa ukoll li f'dan l-istadju għandna niktbulhom u nistaqsu f'liem areas nistgħu nikkollaboraw flimkien. Naraw x'attivitajiet għandhom u meta jsiru, hekk naraw x'hemm komuni bejnietna biex jinħoloq triq ta' ftehim. Nistgħu nesploraw ukoll it-triq ta' Ġemelaġġ. Kien hemm qbil dwar dan.

**17.11 Qari tal-Korrispondenza u Ilmenti mir-residenti.**

- Il-bieraħ ġejna nfurmati mill-Kuntrattur li l-għada se jibda x-xogħol ta' tqattigħ fin-Nazzarenu. Dan biex jitkompla l-proġett ta' cables tal-Enemalta. Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lill-membri li infurmat lill-Kuntrattur li minkejja kemm ilna nistennew sabiex dan il-proġett jitlesta, l-Kunsill għandu jiġi notifikat minn tal-anqas ġimgħa qabel ma jibdew ix-xogħolijiet u mhux mill-lum għal għada. Kien hemm qbil li jsir post fuq facebook filwaqt li nipustaw jew jitwaħlu karti biex ninfurmaw lir-residenti. Is-Seg. Ezekuttiv infurmat lill-membri li l-Kunsill talbu wkoll sabiex ikun hemm Enforcement Officer on site.

- Approved disabled parking bay fi Triq 28ta' April 1688- Il-Kunsill qabel li għandna noġġezjonaw totalment. Hemm disabled parking ieħor ftit il-bogħod u mhux personalized.

- Ingbaru l-kwotazzjonijiet għall-akkwist ta projector u nimxu mal-aktar offerta vantaġġjuża - €1124.54. Kien hemm qbil dwar dan.

- Stedina għal 2 rappreżentanti mill-Kunsill sabiex jżuru l-Festa tat-Tin f'Atessa. Din se ssir fi 13ta' Awwissu. L-istedina tkopri bejn it-12 u l-14ta' Awwissu. Ser jattendu s-Sindku flimkien mal-Kunsillier Christian Zammit. Se jkun hemm invit

ieħor għat-30 u 31ta' Awwissu. Il-Kunsillier Kevin Cutajar ura l-interess li jattendi għal dan l-invit.

- Talba mingħand Savio Galea sabiex tintuża l-area ta' quddiem ir-restaurant fil-perjodu tal-festa. Dan biex jarma Bar ġol-playingfield. Kien hemm qbil dwar dan.

- Talba ta' kolloborazzjoni mingħand l-Għaqda Żgħażagħ Xagħrin għal Rebranding. Qed jitolbu għajnuna finanzjarja minħabba li l-ispiża involuta hija waħda kbira. Din it-talba intbgħatet lill-Kunsilliera qabel il-laqgħa. Nitolbu breakdown tal-ispejjeż.

- Ilment mingħand resident dwar il-periklu li tinsab fiha Triq Marsalforn. Dan minħabba pot holes u depressions li fiha t-triq. Il-kontenut ġie nnotat.

- Talba mingħand l-Għaqda Armar għall-kollaborazzjoni ta' attivita li ser tittella nhar it-2 ta' Awwissu fi Triq 28ta' April. Qed jitolbu għajnuna għas-sound, dwal u spejjeż relatati. Il-Kunsill qabel li jikkolabora sa mhux aktar minn €500.

- Talba mingħand l-Għaqda Nar qed jitolbu l-kollaborazzjoni tal-Kunsill biex tittella attivita' b' BBQ fil-15ta' Awwissu 2025. Qed jitolbu l-għajnuna ta' 500Euro. Kien hemm qbil għal dan il-kollaborazzjoni.

- Talba għal kollaborazzjoni mingħand l-Għaqda Kumittiva Għawdex sabiex tittella t-tielet edizzjoni tal-attivita' Kalypso. Qed jitolbu li l-Kunsill ikopri l-ispiża tal-grupp ta' Verna li hi dik ta €400 . Kien hemm qbil għal din il-kollaborazzjoni.

- Korrispondenza dwar il-Malta Waste Reduction Awards.

- Traffic Management Plan – Survey ta' Triq Marsalforn. Ġie ppreżentat l-Existing kif ukoll il-proposed Plan. Se ssir talba lil Perit sabiex jippreżenta kopja aktar dettaljata.

- Sar meeting bejn l-istakeholders kollha nvoluti dwar d-devjazzjoni tat-traffiku u l-festa taż-Żebbuġ u Xagħra vis-a-vie x-xogħolijiet li għaddejjin fi Triq Marsalforn. Ġew diskussi l-possibiltajiet ta' rotot. Is-Seg. Eżekuttiv talbet għal għajnuna finanzjarja biex jiġu koperti l-ispejjeż relatati ma Enforcement speċjalment fis-7ta' Settembru u l-ġranet tal-festa. Din it-talba se titressaq għal attenzjoni tal-Perm Sec u se jkellmuna lura. Se tiġi diskussa wkoll il-possibilita li għat-tlett ijiem tal-festa, Triq Marsalforn tinfetaħ two way filgħaxijiet. Dan biex tiġi solvuta l-problema tat-traffiku matul il-perjodu tal-festa. Ser jerġgħu jkellmuna lura.

- Korrispondenza minn TM dwar it-talba tal-Kunsill għal Road Hump fi Triq San Ġorġ Preca. Qed tiġi pprovduta alternattiva għal din il-Hump. Kien hemm qbil li din għanda tibqa pending għaliex is-signage mhux jagħmel effett.

- Report ta' Traffic Management li kien sar mill-Kunsill ġie ppreżentat lill-membri. Dan ma hux l-aktar riċenti. Ser jintalab kopja lill Perit Mariello Spiteri minħabba li l-Kunsill ma nstabitx il-kopja tiegħu.

- Il-Ħinijiet tal-operat tal-BCRS machine huma bejn is-06.00 u l-10.00p.m. Ġejna nfurmati li ma jistgħux jinbidlu. Tlabt li jipprvdulna kopja tall-Kuntratt jekk hemm bejn il-BCRS u l-Kunsill. Sal-lum għadna ma rċivejnihx.

- Talba mingħand il-Victory Band club għall-kollaborazzjoni biex tittella s-serata b'kunċert Victory Spectacular – 2nd edition. Irċivejna tlett kwotazzjonijiet bl-aktar ekonomika hija dik ta' €2990 (excl VAT) Kien hemm qbil ma dan.

- Korsijiet bl-isem Ghaqal id-dar, Ħajja Aħjar. Din il-korrispondenza ġiet ċirkulata minn qabel.

- Zewġ attivitajiet kulturali mnedija mir-Reġjun Għawdex – All Saints Day u l-Ktieb Poetiku.

- Ilment dwar Noise Pollution in Triq Ġnien Xibla.Il-Kontenut ġie nnotat.

- Measure 4 'Promoting Health and Sustainable Lifestyle in Gozo' – Gozo Action Group. - €50K max – Il-Kunsillier Cutajar issuġġerixxa li napplikaw għal tlett defibbrillators.

- Dr. Francienne Muscat ssottomettiet l-applikazzjoni tal-European Week of Sport. Se ssir treasure hunt fl-20ta' Settembru.

- Ittra ta' radd il-ħajr mill-Arċipriet, Dun Daniel Sultana

- Skema minn TM għal Bicycle Racks, repair stations fil-Kunsilli. Ġie ssuġġeriet li jsiru r-Ramla ħdejn il-lockers. Ser jibgħatu ritratt biex juru l-post identifikat lis-Seg. Eżekuttiv.

- Ilment mingħand resident dwar noise pollution, kif ukoll ilment ieħor dwar tindif fi Triq Gużepp Diacono. Il-kontenut ġie nnotat.

- Talba mingħand resident sabiex isir tisbiħ fl-area ta' Triq Għajn Meddew.

- Tħallset il-Group Life Plan mal-AKL tal-Membri eletti.

- Talba mingħand The Nook sabiex il-Kunsill jipprovdi post anka bi ħlas ħalli jsiru sezzjonijiet għal ġenituri u trabi. Nissuġġerixxu ċ-Ċirklu u l-Każin tal-Banda.

- Korrispondenza mingħand Project Green sabiex nimlew il-formola ħalli l-applikazzjoni tkun tista tiġi proċessata.

- Il-Kunsill applika għal Skema SI/SCI/07/2025 għal proġett ta' tisbiħ tal-Playingfield, liema somma se tkun ta' madwar €200K.

- Il-Kunsill ġie notifikat li kwalifikajna għal fondi minn skema SPI/SCI/03/25 – Ser ningħataw €1500 u l-attivita' ta' tindif se ssir is-Sibt, 27ta' Settembru 2025.

- Dwal tal-Milied – Iltqajna mal-Għaqda Armar u ġie diskuss id-dwal tal-Milied. Ġew ippreżentati d-disinni li l-Kunsill jista jagħmel għal Triq it-8ta' Settembru, l-Pjazza u n-Nazzarenu. Kien hemm qbil li nixtru d-dwal kif ġie diskuss aktar il-quddiem f'din il-laqgħa.

- Day Centre – Ħarġa ta' Awwissu ssir darbtejn li tinkludi żewġ ħarġiet bit-trejn għal-anzjani. Kien hemm qbil li r-residenti jħallsu l-prezz ssusidjat ta' €2.50 kull wieħed. Kien hemm qbil ukoll li għandha ssir il- Bibita għal Festa tan-Nazzarenu, Xagħra.

- It-Triq Rużar Farruġia – Saret One Way

- Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret fil-bżonn li jkollna Ambaxxatur taż-żgħażagħ. Kien hemm qbil li noħorġu s-sejħa.

- It-tfal tal-Ukraine se nkunu qed nilqagħuhom fit-23ta' Awwissu (5/5 children aged 11-15yrs). Se jkunu qed jilqgħuhom il-Kunsilliera Francienne Muscat u Marion Portelli.

- Ġie diskuss Library Agreement ġdid li qed isir mal-Kunsilli. Il-Kunsill ma jaqbilx li għandna nimpjegaw ħaddiem ieħor għal-librerija peress li diġa għandna ħaddiem.

**<u>Talbiet u Ilmenti</u>**

**37.** Resident jitlob għal bożża ġdida fi Triq Liberat Grech (Fairview Court)- Irid jipprovdi n-No objection minghand ir-residenti tal-blokka, specjalment ma ta' min se teħel.

**38.** Id-Direttur tan-Night Shelter tan-Nazzarenu jitlob għal Un/loading bay quddiem il-bieb tan-night Shelter fi Triq Mannar. Nivverifikaw jekk iridx l-linji sofor jew loading/unloading bay peress li ma jistgħux isiru t-tnejn.

**39.** Resident minn Triq Għejjun jitlob biex ħdejn il-fetħa ta' Galea Frozen Foods issir kisja tarmac biex jinqata' it-trab li qed jkun hemm. It-talba ġiet innottata.

**40.** Talba biex il-Posta terġa tibda' tinfetaħ is-Sibtijiet ukoll speċjalment għal dawk il-ħaddiema li ma jistgħux jiġbruha matul il-ġimgħa. Is-Sindku nforma lill-membri li diġa saret it-talba.

**41.** Resident jitlob għal yellow lines fil-kantuniera ma daru bejn Għajn Qamar u Triq Għonqa (ara google maps inkluz mal-ilment). – Ġaladarba huwa garaxx mhux suppost isir parking.

**42.** Talba għal mera faċċata tal-garaxx fi Triq Sruġ.- Nitolbu l-approvazzjoni tas-sid ma fejn tista teħel.

**43.** Talba biex titbaxxa l-bankina sabiex tiġi livell mat-triq. Ir-Residenta lesta titkellem mal-Kunsill biex tipprovdi l-qisien tal-bankina tagħha. – Il-Kunsill ma ssibx oġezzjoni li titbaxxa l-bankina kollha pero' ma approvax li jsiru għatiebi minħabba l-aċċessibilta'.

**44.** Talba għal double yellow line fi Triq Bullara, f' parti dejqa li ma tistax toħroġ mill-garage) min-naħa l-oħra tat-triq, residenza ta propjetarju u li ta bil-miktub, il-kunsens tiegħu, quddiem il-garaxx.

**45.** Talba għal double yellow line mal-faċċata tar-residenza ta' , (parti dejqa tat-triq). Jekk mal-faċċata tiegħu ssir talba lil TM.

**46.** Resident qed jitlob lil Kunsill biex xi ħaddiem tagħna jmur jgħinu jirranġa spaction li tinsab fil-pubbliku, biex l-ilma għaddi għal pajp ieħor mhux ġo għar fil-kantina tal-istess propjetarju. – Se ssir talba lil MGP

**47.** Resident jissuġġerixxi li l-mera fi Triq it-Tiġrija (fil-bidu ta' Triq Marsalforn) terġa ssib postha. – Diġa hemm Stop sign mal-art u l-vetturi suppost jieqfu.

### 17.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa ntemmet fit-20:45 u ġiet aġġornata għall-Erbgħa, 27 ta' Awwissu 2025 fil-17:00.

Konfermati llum 27 ta' Awwissu 2025

**IFFIRMATA** **IFFIRMATA**

| | |
|---|---|
| **Victor Curmi** | **Heidi Grech** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |